MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 30/2012

Mobisle Communications Ltd.

vs

Francois Saliba

It-Tribunal;

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fl-14 ta' Settembru 2012 illi permezz tieghu l-Kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghand Francois Saliba s-somma ta' sitt mija u sebgha u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€697.17), import ta' servizz ta' telfonija fil-kont numru 51108406. Dan bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra spedita ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-26 ta' Ottubru 2011 bin-numru 3933/2010, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra illi l-konvenut fl-10 ta' Ottubru 2012 prezenta nota ta' ammissjoni ffirmata minn l-avukat tieghu.

Ra l-istess nota ta’ ammissjoni li giet prezentata fir-registru mill-konvenut innifsu.

Ikkunsidra

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal ghandu jilqa t-talbiet attrici in toto.

Illi fin-nota ta’ ammissjoni tieghu l-konvenut jghid illi huwa ‘jixtieq’ illi jinghata l-fakolta li jhallas dan id-debitu bin-nifs f’rati ta’ hamsin Ewro (€50) fix-xahar minhabba l-problemi finanzjarji tieghu.

Illi ghalkemm it-Tribunal jifhem illi debitur jista ma jkunx f’sitwazzjoni florida, il-ligi ma taghti l-ebda jedd lit-Tribunal sabiex jakkolji talba simili u konsegwentament jordna hlas bin-nifs. Biex it-tribunal jakkolji dan, tali talba trid tkun konsentita minn l-attur fil-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ghalkemm it-Tribunal ma huwa ser jaghmel l-ebda ordni simili jistieden lill-kumpanija attrici sabiex tara u tiddeciedi hi jekk wara li tottjeni it-titolu ezekuttiv permezz ta’ din is-sentenza, tkunx lesta tikkonsentixxi ghal tali metodu ta’ hlas.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici, jikundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ sitt mija u sebgha u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€697.17), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz.

Bl-ispejjez kollha, inkluz ta’ l-ittra uffcjali msemmija fl-avviz tat-talba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------